

# Il-125 Anniversarju mill-Wasla tal-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier

*Kitba ta' Wayne Bonello*

Wara li l-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier, fil-bidu t'Ottubru 2017, marret għal restawr tant meħtieġ għand il-kumpanija *Atelier del Restauro*, kien imiss li nerġgħu nilqgħu fostna lil dan il-kapulavur tant għażiża għalina l-Ġiljaniżi. Dan proprju fl-istess ġurnata u sena li l-istess vara kienet qed tiċċelebra l-125 anniversarju fir-raħal li jġib isem il-Qaddis Patrun.

Kien il-Ħadd 13 ta' Awwissu 1893 li l-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier, xogħol l-istatwarju Senglean, Karlu Darmanin, magħruf aktar bħala l-Karlozzu, waslet fostna f'raħalna, ftit anqas minn sentejn wara li San Ġiljan sar Parroċċa fl-1 ta' Settembru tal-1891.

125 sena wara, preċiżament nhar it-Tnejn 13 ta' Awwissu 2018, il-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier, reġgħet waslet fostna, minn restawr tant meħtieġ fuqha u fuq il-pedestal tagħha.

Kien għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħodu li l-Vara waslet quddiem l-ewwel tempju tagħha, il-Knisja ta' Lapsi, biex ir-restawraturi flimkien mar-reffiegħa jagħtu bidu għall-proċess tant delikat tal-armar tal-Vara fuq il-pedestall tagħha. Fis-7.00 ta' filgħaxija mbagħad bdiet quddiesa fil-Knisja Parrokkjali l-Antika mill-Kappillan, Dun Claude Portelli, bis-sehem tas-St Julian's Choral Group. Fi tmiem il-quddiesa bdiet iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni, li kienet animata mill-arpista Jacob Portelli u l-Mezzo Sopran Ġiljaniża Christine Dalli.



Il-Professur Stanley Fiorini għamel preżentazzjoni storika fuq il-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier, fejn elenka diversi dokumenti storiċi, u din kienet segwita bil-preżentazzjoni fuq l-intervent tal-konservazzjoni u r-restawr minn Valentina Lupo u d-Dottoressa Maria Grazia Zenzani, Diretturi tal-kumpanija *Atelier del Restauro*. Waqt din il-preżentazzjoni, il-kelliema urew diversi ritratti tax-xogħlijiet li saru fuq il-vara u anke fuq il-pedestall, xogħol li kull min ra din il-preżentazzjoni, baqa' impressjonat kemm il-vara kellha bżonn dan ir-restawr.

F'diskors qasir mill-Kappillan wara l-preżentazzjoni, huwa rringrazzja lill-kumpanija li rrestawrat il-Vara u lill-poplu kollu Ġiljaniż tal-ġenoriżità kbira tagħhom biex din il-ħolma tal-Ġiljaniżi setgħet issir realtà.



Kull min kien ġol-knisja kien fuq ix-xwiek għall-mument tant mistenni minn kulħadd biex jara mill-ġdid l-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier fil-glorja tagħha. Quddiem knisja ppakkjata sa ruħ ommha, il-Kappillan niżżel is-separju waqt li ndaqq l-Innu Popolari lil San Ġiljan Ospitalier ta' Angelo Pullicino. Il-poplu ta' San Ġiljan miġbur għal dan il-mument emozzjonanti infexx f'ċapċipa waħda li ma setgħetx tieqaf hekk kif raw il-Vara wara sena nieqsa min-niċċa tagħha. Ma naqsux il-bosta ritratti tal-Ġiljaniżi mal-vara kif ukoll il-kliem ta' tifħir tagħhom lir-restawraturi għal mod kif irriturnaw lil San Ġiljan għall-glorja tiegħu.

Il-Vara mbagħat baqgħet fil-Knisja ta' Lapsi għat-tgawdija tal-poplu Ġiljaniż għal ġimgħa sħiħa sakemm it-Tnejn 20 t'Awwissu 2018, minflok iċ-ċeremonja solita tal-Ħruġ minn Niċċa fil-Knisja Parrokkjali, il-Vara ta' San Ġiljan ħarġet proċessjonalment mill-Knisja ta' Lapsi għall-Knisja Parrokkjali. Kif jiġri f'okkażjonijiet speċjali bħal dawn, il-Banda Spinola tieħu sehem billi takkumpanja l-Vara ta' San Ġiljan flimkien mal-Banda San Ġiljan.

Għall-ħabta tas-7.15pm, il-Banda tas-Soċjetà Mużikali Spinola bdiet Marċ minn Telgħet Birkirkara, Triq San Mark, Triq San Mikiel, Triq Lapsi sal-Knisja ta' Lapsi. Wara l-quddiesa tas-7pm fil-Knisja ta' Lapsi, il-baned Spinola u San Ġiljan intunaw l-Innu Popolari lil San Ġiljan Ospitalier ta' Angelo Pullicino, waqt li l-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier





inħarġet mill-Knisja Parrokkjali l-Antika. Il-banda tas-Soċjetà Mużikali Spinola ħadet ħsieb li wara ssellem lill-Patrun bl-Innu Devot O Ġiljan Maħbub Imqaddes. Flimkien mal-iscouts ta' San Ġiljan li mexxew il-purċissjoni fuq quddiem, il-baned Ġiljaniżi akkumpanjaw b'mod alternat lill-Vara Titulari b'innijiet u marċijiet reliġjużi tul Triq Lapsi sal-Knisja Parrokkjali.

Il-qofol tal-festa ntlaħaq propju f'Jum il-Festa, il-Ħadd 26 ta' Awwissu 2018, b'purċissjoni storika li rnexxielha tgħaddi minn toroq li mhux soltu tgħaddi minnhom.

Fis-7.00pm ħarġet il-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier mill-Knisja Parrokkjali għas-salut tradizzjonali tal-kaċċaturi u d-daqq tal-innijiet. Kif il-vara tniżżlet minn fuq il-pont tal-Knisja, il-Vara Titulari għall-ewwel darba kisret fuq ix-xellug u ġibdet lejn Triq Forrest fejn f'tarf Triq il-Mensija, in-naħa tal-Kalkara tal-Ġir, il-Ġiljaniżi taż-żona taw merħba mill-isbaħ lill-Vara fost diversi xeni emozzjonanti.

Wara, il-Vara reġgħet tniżżlet lejn ir-rotta normali tagħha u ngħaqdet mal-kumplament tal-purċissjoni fi Triq Forrest iżda kif niżlet it-tarf l-ieħor ta' Triq il-Mensija, flok kisret lejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni, il-purċissjoni telgħet lejn il-parti fejn jinsab il-Każin tas-Soċjetà Mużikali Spinola fi Triq Francis Zammit. Hemmhekk, il-bandisti tal-post tal-istess Soċjetà, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Aldo Minuti, sellmu lill-Vara Titulari ta' San Ġiljan bid-daqq t'innijiet. Il-President tas-Soċjetà, Carmel Bonello, ippreżenta bukkett fjuri lil San Ġiljan u mbagħad ittieħed ritratt tal-okkażjoni tal-Kumitat u l-bandisti tal-post mal-Vara quddiem il-Każin.

Kien mument emozzjonanti ferm għal dawk li ħadmu jew għadhom jaħdmu għall-festa f'dawk l-inħawi kif ukoll għall-membri tal-istess Soċjetà għaliex qatt qabel m'esperjenzjaw dan il-mument mill-isbaħ, bix-xewqa ta' dawk preżenti kienet li dan il-mument ma jintemm qatt! Dan l-avveniment seħħ grazzi għall-wegħda miżmuma mill-Kappillan lura fil-bidu tal-2016 u grazzi għall-perseveranza tal-membri tal-Kumitat quddiem elf ostaklu megħluba. Sa mit-twaqqif tas-Soċjetà, kemm il-fundatur, Ġiljan Bonello, kif ukoll il-membri kollha tad-diversi kumitat dejjem ħolmu li xi darba għad jasal iż-żmien li l-purċissjoni tal-Festa għad titla' fl-inħawi tal-Każin.

Huwa tabilħaqq li dan l-anniversarju tal-125 Anniversarju mill-wasla tal-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier se tibqa' mnaqqxa b'ittri tad-deheb għall-Ġiljaniżi kollha.



